# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX) ĠURISDIZZJONI SUPERJURI SEZZJONI FAMILJA

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M. (CARDIFF), ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

Illum, it-Tlieta, 3 ta' Ottubru 2023

**Rikors numru: 2/2023 BS**

**CG**

**-vs-**

**L-Avukat Dottor Joseph Grech li b'digriet tat-18 ta' Mejju 2023 ġie nominat kuratur deputat sabiex jirrappreżenta lill-imsiefra martu RG**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ta' CG li ppremetta:**

1. *"Illi l-partijet li żżewwġu fl-erbatax ta' Settembru tas-sena elf disa' mija u erbgħa u sebgħin (14.9.1974) u minn dan iż-żwieġ kellhom iben DG illum maġġorenni u għandu madwar erbgħin sena;*

2. *Illi l-partijiet ilhom de facto separati għal madwar tletin sena u jgħixu f'pajjiżi separati u ilu ma jkun hemm kuntatt bejniethom għal matul dna l-istess perijodu ta' tletin sena;*

3. *Illi ma hemm ebda prospett raġjonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom u dan minbarra l-fatt li ilhom snin mifrudin u llum jgħixu ħajja kompletament u totalment separata minn xulxin u jgħixu f'pajjiżi differenti."*

**Talab lil Din l-Onorabbli Qorti:**

1. *"Tilqa' t-talba għall-ħall taż-żwieġ ta' bejn il-partijiet u allura tippronunzja divorzju bejniethom;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku*

*U dan preavja kull direttiva li din l-Onorabbli Qorti jidhrilh xierqa u opportuna"*

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-Avukat Dottor Joseph Grech bħala kuratur deputat biex jirrappreżenta lill-imsiefra RG li eċċepixxa:**

1. *"Illi huwa gie nominat permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tat-18 ta' Mejju, 2023 sabiex jirraprezenta lill-RG;*

2. *Illi l-esponenti ghadu ma huwiex edott mill-fatti tal-kaz stante li ma ghandu ebda kuntatt mal-isess RG;*

3. *Illi madanakollu l-esponenti qieghed minn issa jirriserva li jressaq dawk l-eccezzjonijiet kollha kif ukoll dawk il-provi kollha li jistghu jirrizultaw necessarji matul il-kawza skond il-ligi."*

Il-Qorti;

Rat ir-rikors ta l-attur;

Rat ir-risposta tal-kuratur deputat Dr Joseph Grech;

Fliet id-dokumenti u l-atti kollha;

Semgħet lill-attur jikkonferma bil-ġurament tiegħu ir-rikors promotur;

Rat l-Artikoli 66A, 66B, 66Ċ tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi l-kundizzjonijiet meħtieġa għad-divorzju ġew kollha sodisfatti. Infatti rriżulta li l-partijiet ilhom għexieren ta' snin separati minn xulxin.

**DECIDE:**

Għaldaqstant, in vista tal-premess u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti tilqa' t-talbiet tal-attur u filwaqt li tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex, fi żmien xahar mil-lum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Bl-ispejjeż kontra l-attur.

**(ft.) Dr Brigitte Sultana**
**Maġistrat**

**(ft.) John Vella**
**D/Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**